# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 540/00mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Farcat Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-korporazzjoni attrici fis-26 ta' April 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' disa mija u hdax-il lira maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm911.48c), rapprezentanti danni minnha jew minn impjegati taghha kkagunaw f'cable tal-elettriku proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici, liema ncident okkorra nhar it-22 ta' Marzu,1999 gewwa Mqabba Road, Ta' Kandja limiti tas-Siggiewi, u ghal liema danni hija unikament responsabbli minhabba negligenza da parti

taghha jew ta’ mpjegati taghha waqt ix-xogholijiet ta’ eskavar li hija jew impjegati taghha kienu qieghdin jesegwixxu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Lulju 1999, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta l-ittra ufficjali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante li x-xogholijiet in kwistjoni gew esegwiti b’diligenza normali u skond is-sengha.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suddett, fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet in kwistjoni u partikolarment fir-rigward ta’ fejn kien jinstab il-cable li garrab hsara, s-socjeta’ konvenuta mxiet fuq l-istruzzjonijiet u ndikazzjonijiet moghtija lilha mill-Korporazzjoni attrici u jekk kien hemm xi nuqqas ta’ diligenza din kienet ta’ l-istess Korporazzjoni attrici li tat lis-socjeta’ konvenuta pjanti u ndikazzjonijiet zbaljati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghar-risarciment tad-danni wara illi gie allegat illi s-socjeta' konvenuta wettqet hsarat fil-*cables* ta' l-elettriku tal-korporazzjoni attrici waqt xogholijiet illi kienu qieghdin jsiru f'Mqabba Road, Ta' Kandja limiti tas-Siggiewi fit-22 ta' Marzu,1999.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' konvenuta kienet taghmel xoghol ta' skavar ghall-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitqieghdu mill-gdid *cables* ta' l-elettriku magemb dawk qodma illi diga kien hemm fl-inhawi. Irrizulta illi s-socjeta' konvenuta ottjeniet il-permessi kollha sabiex taghmel dawn ix-xogholijiet u anke ntbaghat haddiem ta' l-Enemalta sabiex jimmarka l-*cables* fl-art. Irrizulta pero' illi l-pjanti li gab mieghu l-haddiem ta' l-Enemalta ma kienux efficjenti, ghalhekk dawn il-*cables* gew immarkati b'mod approssimattiv permezz ta' *cable detector.* Jidher illi anke dan ma kienx sodisfacenti tant illi l-inginier ta' l-Enemalta kien ordna illi jsiru *pilot holes* mis-*substation* sal-*junction box* f'intervall ta' 20 metru. Dawn il-*pilot holes* kienu qieghdin iservu sabiex jigi esplorat it-tragitt tal-*cable* taht l-art u b'hekk ikun hemm anqas perikolu illi dana jintlaqat.

Irrizulta illi x-xoghol tkompla magemb dawn il-*pilot holes* u kollox kien miexi harir sakemm waslu ghall-ahhar zewg punti. Hemmhekk is-socjeta' konvenuta setghet tara l-*cable* f'wiehed minn dawn il-*pilot holes* kif ukoll il-faccata l-ohra fejn kien hemm il-*pilot hole* l-ohra, ghalhekk assumiet illi dan il-cable kien ser jibqa ghaddej dritt taht l-art minn toqba ghall-ohra, bhalma *del*

*resto* gara fit-toqob ta' qabel. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta bdiet tfahher magemb id-direzzjoni fejn suppost kellu joqghod dan il-*cable*. Gara pero' li x'imkien fin-nofs, il-cable ggenneb lejn naha, b'mod illi hareg 'l barra mit-tragitt prezunt tieghu, ghalhekk meta s-socjeta' konvenuta wasslet vicin dan il-punt illi l-*cable* tghawweg il-barra, ntlaqat bi zbrixx ma' l-ingenji li kienu qieghdin juzaw is-socjeta' konvenuta, u b'hekk gie sospiz il-kurrent Elettriku ghal diversi nhawi ta' Hal Qormi.

Mhuwiex kontestat l-ammont li qieghdin jitolbu l-korporazzjoni attrici. Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid pero' illi ma kienx tort taghha li l-*cable* tghawweg il-barra b'dan il-mod u ghalhekk ma kienetx responsabbli ghall-hsara kawzata.

Ikkunsidrat:

Mill-provi illi gew prodotti jidher illi huwa minnu illi kien hemm punt fejn dan il-*cable* hareg il-barra mit-traettorja tieghu. Dana kien bizzejjed sabiex jenvadi l-perkors tal-makkinarju illi kien qed jaghmel it-*trenching* ghan-nom tal-Korporazzjoni attrici.

John Muscat ghan-nom tas-socjeta' konvenuta esebixxa ritratt li juri dan il-cable kif kien maqrus il-barra. Veru illi dan ir-ritratt ittiehed wara li saru t-tiswijiet, pero' jidher car illi b'xi mod dan il-*cable* kien mghawweg il-barra. Dana gie konfermat ukoll mir-rapprezentant tal-korporazzjoni attrici illi mar fuq il-post ftit wara l-incident u jiftakar illi dan il-*cable* kien maqrus il-barra.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat tas-socjeta' konvenuta. Dina wettqet ix-xogholijiet b'mod diligenti u skond l-istruzzjonijiet illi gew moghtija lilha mill-korporazzjoni attrici. Il-permessi kienu kollha f'idejhom u l-linji markati fl-art.

Il-fatt li l-Korporazzjoni attrici ma kellhiex pjanti precizi bizzejjed sabiex il-cables jigu identifikati mhuwiex xi haga illi jista jigi attribwit ghal xi tort tas-socjeta' konvenuta.

F'kawza deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972 fl-ismijiet <u>Dr H Lenicker vs J Camilleri</u> inghad: ".....f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli....."

F'din il-kawza l-Qorti jidhrilha illi l-korporazzjoni attrici ma gabitx provi bizzejjed sabiex turi lill-Qorti illi gratilha hsara b'tort tal-konvenut. Bhalma diga nghad, mhuwiex tort tas-socjeta' konvenuta illi l-cable kien maqrus taht l-art f'posizzjoni fejn ma kienx visibbli, u lanqas ma kien mistenni li kien ser ikun mahrug il-barra b'da k il-mod. Li kieku fil-*pilot holes* illi gew imhaffra qabel kien hemm xi ndikazzjoni illi dan il-cable ma kienx sejjer jimxi b'linja diretta, allura wiehed setgha jissoponi li dan il-cable kien ser jikkawza xi diffikultajiet jekk it-*trenching works j*siru vicin hafna tieghu. Dana pero' ma garax fix-xogholijiet li kienu

qieghdin isiru qabel u ghalhekk ma kienx mistenni illi bejn l-ahhar zewg *pilot holes* kien ser ikun hemm dan id-divjet fil-cable taht l-art, ghalhekk il-Qorti ma ssib xejn traskurat jew negligenti fl-operat tas-socjeta' konvenuta, u ma jidhirliex illi ghandha tkun responsabbli ghal dawn il-hsarat reklamati mill-korporazzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tal-korporazzjoni attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit

Dep Reg